17 ta' Jannar, 1957

Imħallef:—

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Paolo Grixti *versus* Paolo Muscat

## Azzjoni Estimatorja — Prova — Art. 1477 tal-Kodiċi Ċivili

*L-azzjoni estimatorja, jew "quanti minoris", tippresupponi l-eżistenza ta' vizzji moħbija fil-ħaġa mibjugħa, u li dawn il-vizzji kienu jeżistu fil-mument li sar il-bejgħ. Konsegwentement, meta x-xerrej jesperixxi din*

*l-azzjoni, il-piż tal-prova tal-vizzju moħbi jaqa' fuqu u l-venditur, sakemm din il-prova ma ssirx, jista' jillimita ruħu jikkontesta l-vizzju. Il-fatt materjali li kamra, li kienet oġġett tal-bejgħ, waqgħet b'effett tal-elementi, mhux biżżejjed biex juri li l-kamra kien fiha xi difetti, li dawn kienu moħbija, u li kienu jeżistu sa minn qabel il-bejgħ. Jekk ix-xerrej ma jippruvax dan kollu, l-azzjoni estimatorja minnu esperita kontra l-bejjiegħ ma tirnexxix.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti opportuni, billi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Girard tal-15 ta' Ġunju 1950 (dok. A) l-attur xtara minn għand il-konvenut it-terran li qiegħed l-Armier, fil-limiti tal-Mellieħa, bla numru, imiss minn nofsinhar mar-raba' tal-eredi ta' Francesco Vella, u mill-lvant, punent u tramuntana, ma' raba' ta' Giovanni u Giuseppe aħwa Grima, flimkien ma' porzjon mill-għalqa denominata "It-Trunċiera tal-Armier", li qegħedha fl-Armier, limiti tal-Mellieħa, deskritta fl-istess kuntratt; u dan bil-prezz ta' £170 għall-imsemmija żewġ fondi; billi, minħabba difetti moħbija li wieħed ma setgħax jinduna bihom, sfrondaw u waqgħu s-soqfa tat-terran fuq deskritt u ġrat ħsara fil-ħitan u bibien tal-istess terran; u billi, non ostanti l-interpellazzjoni lilu magħmula bl-ittra uffiċjali tad-9 ta' Frar 1955, ma riedx iħallas lura xejn lill-attur; talab li, għar-raġunijiet fuq imsemmija, (1) jiġi dikjarat minn din il-Qorti illi s-soqfa tat-terran fuq imsemmi, li qiegħed l-Armier fil-limiti tal-Mellieħa, bla numru, imiss minn nofsinhar mar-raba' tal-eredi ta' Francesco Vella, u mill-lvant, punent u tramuntana, ma' raba' ta' Giovanni u Giuseppe aħwa Grima, waqgħu u sfrondaw, u ġrat ħsara fil-bibien u ħitan tal-istess terran, a kawża tad-difetti moħbija li wieħed ma setgħax jinduna bihom; (2) u konsegwentement li l-konvenut jiġi kundannat iħallas u jagħti lura lill-attur dik is-somma, rappreżentanti biċċa mill-prezz, li tiġi stabbilita minn din il-Qorti b'opera ta' periti nominandi, jekk jeħtieġ; salva kull azzjoni għad-danni; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Frar 1955, u bl-imgħax legali mid-data li tiffissa din il-Qorti, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jesperixxi l-azzjoni estimatorja, jew "quanti minoris", kontemplata fl-art. 1477 (Kod. Civ.). Dina tippresupponi, bħal ma jirrikonoxxi l-attur fiċ-ċitazzjoni, l-eżistenza ta' vizzji moħbija fil-ħaġa mibjugħa, u li dawn il-vizzji kienu jeżistu fil-mument li sar il-bejgħ; għaliex, jekk il-venditur ikun ittrasferixxa ħaġa mingħajr dak il-vizzju, ikun eżegwixxa l-obligu lilu mpost mill-liġi; u malli l-bejgħ ikun ġie perfezzjonat, "*omne commodum et incommodum ad emptorem pertinet*" (art. 1397 Kod. ċit.). Konsegwentement, meta x-xerrej jesperixxi din l-azzjoni, il-piż tal-prova tal-vizzju moħbi jaqa' fuqu; u l-venditur, sakemm dina l-prova ma ssirx, jista' jillimita ruħu jikkontesta l-vizzju; għaliex, kif jinnota Gasca, "egli ha per sè la presunzione '*juris*' che la cosa venduta sia immune da vizi" (Compra-vendita, Vol. II, § 1568). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Vol. XXXVII-II-742).

Illi mill-provi rriżulta li l-kamra in kwistjoni waqgħet bħala konsegwenza tax-xita qawwija u anki tar-rieħ (fol. 17); u dan fis-sena 1954 jew 1955 (fol. 17 u 24), jiġifieri aktar minn erbgħa snin wara li l-attur kien xtraha minn għand il-konvenut. Il-fatt materjali li dik il-kamra waqgħet b'effett tal-elementi mhux biżżejjed biex juri li l-kamra kien fiha xi difetti, li dawn kienu moħbija, u li kienu jeżistu sa minn qabel il-bejgħ. Il-prova ta' dan kollu kienet tinkombi biss lill-attur; iżda dan ma għamilhiex; u għalhekk l-istanza proposta mhix sostenibbli;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi mhux neċessarju li jiġu nvestiti l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut;

**Għal dawn il-motivi;**

Tiċħad id-domandi tal-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.